MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 1193/2005

**Andrew Debono ezercenti l-kummerc bl-isem Debono Car Dealer.**

**vs**

**Christopher Cassar u b'digriet tat-30 ta' Ottubru 2006 gew appuntati Dr. Richard Sladden u l-P.L. Liliana Buhagiar bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-imsiefer Christopher Cassar.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 17 ta' Novembru 2006 a fol. 1 tal-process, fejn gie premess:-

Illi *in forza* ta' skrittura privata datata 4 ta' Novembru 2005 (li kopja taghha hi hawn annessa u esebita u mmarkata

bhala Dok. “AD1”), l-attur biegh u kkonsenja lill-konvenut, il-vettura tal-marka Mercedes 500 SL numru ta’ registrazzjoni JAS 500, ghal prezz komplessiv ta’ sebgha u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm27,000), pagabbli in kwantu ghas-somma inizjali ta’ hamest elef Lira Maltin (Lm5,000) permezz ta’ tpartit ma Caravan tad-ditta Knos, li gie debitament ikkonsenjat mill-konvenut; in kwantu ghas-somma ta’ hdax-il elf Lira Maltin (Lm11,000) li kellha tithallas sat-30 ta’ Novembru 2005 u in kwantu ghal bilanc finali ta’ hdax-il elf Lira Maltin (Lm11,000) li kellha tithallas sat-30 ta’ Dicembru 2005;

Illi l-konvenut naqas milli jeffettwa l-ewwel pagament ta’ hdax-il elf Lira Maltin (Lm11,000) li kellu jithallas sat-30 ta’ Novembru kif fuq premess, u baqa’ hekk moruz;

Illi ghalhekk il-konvenut hu debitur ta’ l-attur fis-somma ta’ hdax-il elf Lira Maltija (Lm11,000) ammont minnu dovut kif fuq premess;

Illi dan id-dejn hu cert, likwidu u dovut u fil-fehma ta’ l-attur, il-konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni valida x’jissolleva kontro-talba ghal tali pagament;

Illi ghalhekk, ghal dawn il-proceduri, hija applikabbli l-procedura sommarja specjali bid-dispensa tas-smiegh mill-kawza *a tenur* ta’ l-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta’ hdax-il elf Lira Maltin (Lm11,000), ammont minnu dovut kif fuq premess, u dan bid-dispensa tas-smiegh mill-kawza *a tenur* ta’ l-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 1903/05; tal-Mandat ta’ Qbid numru 1904/05 u ta’ l-ittra

ufficjali datata 7 ta' Dicembru 2005, u nteressi legali dekorribbli mit-30 ta' Novembru 2005 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-31 ta' Jannar 2006.

Rat l-ordnijiet moghtija mill-Qorti fil-31 ta' Jannar 2006 u fit-28 ta' Marzu 2006, u l-verbal tas-seduta tal-24 ta' Mejju 2006 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-Qorti ordnat il-kancellament tal-kawza minn fuq il-lista a spejjez attrici. Il-kawza giet kancellata.

Rat ir-rikors ta' l-attur datata 24 ta' Mejju 2006 (fol.16) fejn l-esponenti talba lill-Qorti joghgobha terga' tappunta l-kawza ghas-smiegh; u l-Qorti, bid-digriet taghha moghti fil-25 ta' Mejju 2006 ordnat lill-attur biex fi zmien ghaxart ijiem (10) jiddikjara b'nota xi provi fadal jitressqu bl-affidavit u *viva voce*.

Rat in-nota ta' l-atturi datata 5 ta' Gunju 2006 a fol. 21 tal-process fejn iddikjara li l-provi li hu ghandu huma zewg affidavits, wiehed tieghu u l-iehor tax-xhud James Barbara. Il-Qorti ordnat lill-attur jipprezenta l-affidavits kollha tieghu u ddikjara li m'ghandux provi izjed abbazi tan-nota tat-2 ta' Awissu 2006, u dan fi zmien tletin (30) gurnata, kollox skond l-anness digriet ghall-affidavit lill-partijiet.

Rat in-nota ta' l-attur pprezentata fir-Registru fl-4 ta' Settembru 2006 li permezz taghha esebixxa zewg affidavits; wiehed tieghu stess u iehor ta' James Barbara, u iddikjara li ma fadallu ebda prova ohra x'jipprezenta f'din il-kawza.

Rat mill-gdid ir-rikors datat 24 ta' Mejju 2006 u n-nota datata 4 ta' Settembru 2006, fejn il-Qorti, b'digriet tas-6 ta' Settembru 2006, laqghet it-talba u rriappuntat din il-kawza ghas-smiegh ghall-21 ta' Novembru 2006, b'dan li l-konvenut ghandu jigi notifikat bl-atti kollha relattivi.

Rat ir-rikors ta' Andrew Debono datat 27 ta' April 2006 fejn talab lill-Qorti joghgobha tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-imsiefer Christopher Cassar fl-atti ta' dawn ic-citazzjonijiet numri 1193/05 RCP, 11/06 GCD u 14/06 JRM u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti.

Rat l-istess rikors, id-digriet precedenti, il-bandi mahruga u r-riferta tal-Marixxall; u billi ma deher hadd biex jaccetta l-kurazija, il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Giannino Caruana Demajo, b'digriet tat-30 ta' Ottubru 2006, innominat lill-Avukat Dr. Richard Sladden u lill-Pokuratur Legali Liliana Buhagiar bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat in-nota ta' Andrew Debono datata 6 ta' Novembru 2006 (fol. 37) li biha ddikjara li d'digriet tat-30 ta' Ottubru 2006 Dr. Richard Sladden u l-P.L. Liliana Buhagiar gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-imsiefer Christopher Cassar fl-atti ta' din l-kawza u fl-atti l-ohra relattivi u sussegwenti.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati Dr. Richard Sladden u l-P.L. Liliana Buhagiar datata 15 ta' Dicembru 2006 (fol. 41) fejn ecceppew:-

Illi permezz taghha jirrilevaw illi f'dan l-istadju mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz izda jridu jikkontestaw it-talbiet attur.

Rat in-nota tal-kuratur Dr. Richard Sladden datata 20 ta' Dicembru 2006 (fol. 42) li permezz taghha rrileva illi ghadu ma kkomunikax ma' l-imsiefer konvenut u li f'dan l-istadju l-unika eccezzjoni tieghu tikkonsisti li mhumiex edott mill-fatti tal-kaz u rriserva li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif jikkomunika ma' l-assenti konvenut.

Rat in-nota tal-kuratur Dr. Richard Sladden datata 17 ta' Jannar 2007 (fol.43) li permezz taghha pprezenta zewg ittri mibghuta b'posta registrata u mmarkati Dok "AA1" u Dok "AA2" rispettivament, u ittra ricevuta mill-avukat ta' l-attur u li giet immarkata bhala Dok "AA3".

Rat il-verbali tas-seduti tal-21 ta' Novembru 2006; tas-6 ta' Frar 2007; tat-22 ta' Marzu 2007 u tat-28 ta' Marzu 2007 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Richard Sladden bhala kuratur deputat li pprezenta kopja tal-korrispondenza relattiva, li nforma lill-Qorti li ma kellu ebda komunikazzjoni ma' l-assenti, anke peress li mill-ittra mibghuta, wahda minnhom giet lura. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' April 2007; u l-ordni ta' din il-Qorti fejn il-kawza thalliet ghall-istess skop ghat-3 ta' Mejju 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet

Rat l-ordnijiet u d-digrieti kollha relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jiltob li l-konvenut assenti jigi kkundannat li jhallas l-ammont ta' Lm11,000 bilanc minn somma akbar rappresentanti prezz u korrispettiv ta' bejgh ta' karozza mill-istess attur lill-konvenut, liema somma kellha tithallas tas-30 ta' Mejju 2005, u dan kollox kif jirrizulta mill-iskrittura privata datata 4 ta' Novembru 2005 (Dok. "AD 1") annessa mac-citazzjoni attrici.

Illi fil-fatt fl-istess skrittura jirrizulta li l-attur biegh u kkonsenja lill-konvenut, il-vettura tal-marka Mercedes 500

SL numru ta’ registrazzjoni JAS 500, ghal prezz komplessiv ta’ sebgha u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm27,000), pagabbli in kwantu ghas-somma inizjali ta’ hamest elef Lira Maltin (Lm5,000) permezz ta’ tpartit ma’ Caravan tad-ditta Knos, li gie debitament ikkonsenjat mill-konvenut u in kwantu ghas-somma ta’ hdax-il elf Lira Maltin (Lm11,000), mertu ta’ din il-kawza, li kellha tithallas sat-30 ta’ Novembru 2005; l-ammont bilancjali ulterjuri ta’ hdax-il elf Lira Maltin (Lm11,000) kellha tithallas sat-30 ta’ Dicembru 2005. Din l-kawza hija limitata ghall-ammont li ma thallasx sat-30 ta’ Marzu 2005. Dan in-nuqqas ta’ pagament gie kkonfermat mix-xhieda ta’ l-istess attur tad-19 ta’ April 2006 u ta’ James Barbara fl-affidavit tieghu ta’ l-4 ta’ Settembru 2006.

Illi fil-fatt dak allegat fic-citazzjoni attrici gie ppruvat u ma hemm l-ebda kontestazzjoni u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha kontra l-konvenut.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma b’xi mod kontrastanti ghal dak hawn deciz, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ hdax-il elf Lira Maltin (Lm11,000), ammont minnu dovut kif fuq deciz.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 1903/05; tal-Mandat ta’ Qbid numru 1904/05 u ta’ l-ittra ufficjali datata 7 ta’ Dicembru 2005, u nteressi legali dekorribbli mit-30 ta’ Novembru 2005 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------